**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2022**

**Kawza Numru: 11**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 530/2018 JVC**

**Martin Agius [K.I. 0745362M]**

**vs**

**Ronald Agius [K.I. 369872M] u Carmen Buttigieg [K.I. 0469159M]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Martin Agius ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. ‘ILLI r-rikorrent u l-intimat Ronald Agius u Carmen Buttigieg, huma lkoll ahwa u ulied id-defunti Francesco Agius u Mary Agius;

2. ILLI jirrizulta li d-defunt Francesco Agius gie nieqes fit-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (22.12.2012) (Dok A anness);

3. ILLI mis-soliti ricerki testamentarji fl-Indici tar-Registru Pubbliku ta' Malta (Dok B), u fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja (Dok C), jirrizulta illi huwa hu miet u halla warajh testament unica charta ma' martu tat-18 ta' Dicembru 1996 in atti tan-Nutar Pierre Cassar u aggunta ghall-ewwel testament li saret fis-7 ta Marzu 2007 in atti tan-Nutar Rosella Sciberras; mil-liema jirrizulta illi hu halla lit-tliet ulied, ossia Martin Agius, Ronald Agius u l-bint Carmen llum Buttigieg eredi tieghu, b'dana illi halla prelegat favur Ronald Agius fuq caravan numru erbgha ittra A (4A);

4. ILLI jirrizulta illi Mary Agius giet nieqsa fit-tlettax ta’ Marzu tas-sena elfejn u hmistax (15.03.2015) (Dok D anness);

5. ILLI bl-istess mod mis-soliti ricerki testamentarji fl-Indici tar-Registru Pubbliku ta' Malta (Dok E), u fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja (Dok F), jirrizulta illi l-omm Mary Agius mietet u halliet warajha testament unica charta ma' zewgha tat-18 ta' Dicembru 1996 in atti tan-Nutar Pierre Cassar u aggunta ghall-ewwel testament li saret fis-7 ta’ Marzu 2007 in atti tan-Nutar Rosella Sciberras; mil-liema jirrizulta illi hi halliet lit-tliet ulied, ossia Martin Agius, Ronald Agius u l-bint Carmen llum Buttigieg eredi taghha, b'dana illi halliet prelegat favur Ronald Agius fuq caravan;

6. ILLI jirrizulta li f'hajjithom, id-defunti Mary u Francesco konjugi Agius, kienu taw b'donazzjoni lill-intimat Ronald Agius id-dar bin-numu tnejn u sittin (62), li jinsab gewwa Victory Street, Birkirkara, li kienet l-uniku immobbli li l-konjugi Agius kellhom (Dok J);

7. ILLI jirrizulta li l-esponent Martin Agius rrinunzja ghall-wirt ta' ommu u missieru u dan kif jirrizulta mill-annessi Dokument mmarkati G u H salv ghad-dritt ghall-porzjon riservat skont il-ligi;

8. ILLI jirrizulta illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tas-sehem riservat favur ir-rikorrent, in segwitu ghall-eredita tal-genituri tieghu, u dan anke permezz ta' ittra bin-numru 221/2018 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok I), il-konvenuti naqqsu milli jaghmlu dan;

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li r-rikorrent huwa intitolat ghas-sehem riservat mill-eredita' tal-genituri tieghu li gew nieqsa fit-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (22.12.2012) u fit-tlettax ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (15.03.2015) rispettivament, minghajd l-eredi taghhom u cioe' l-konvenui Ronald Agius u Carmen Buttigieg;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li d-donazzjoni in atti Nutar Alicia Agius tat-tmienja ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (08.05.2009) li permezz taghha d-dar bin-numru tnejn u sittin

(62), li jinsab gewwa Victory Street, Birkirkara, giet trasferita mid-defunti Mary u Francesco konjugi Agius, lill-intimat Ronald Agius saret bi vjolazzjoni tad-dispozizzjonijiet ta' l-Art. 650 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-istess propjeta` u donazzjoni hija suggetta ghall-kollazzjoni skond l-artikolu 915 tal-Kapitolu 16;

3. Tistabilixxi u taccerta l-konsistenza tal-assi ereditarji tal-mejtin Francesco u Mary konjugi Agius occorrendo bil-hatra ta' periti nominandi;

4. Tillikwida u tikkwantifika l-valur tal-massa ereditaria tad-defunt Francesco u Mary konjugi Agius u sussegwentement tghaddi sabiex tistabilixxi l-valur tal-porzjon riservat spettani lir-rikorrent skont il-Ligi;

5. Tillikwida l-imghax dovut lir-rikorrent mid-data tal-mewt tad-defunti sal-pagament effetiv;

6. Tikkundanna u tordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrent is-somma hekk likwidata, rapprezentanti dak dovut lir-rikorrenti bhala sehem riservat imholli lilu wara l-mewt tal-genituri tieghu, flimkien mal-imghaxijiet legali;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, inkluż l-ispejjeż tal-Ittra Ufficjali u tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 597/2018/1LM, bl-imghaxijiet relattivi skont il-ligi sal-hlas effettiv kontra l-intimati, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmen Buttigieg li taqra kif isegwi:

1. 'Illi t-talbiet li qed jitressqu mill-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt fost oħrajn stante li:

*a)* Fl-ewwel lok għandu jirrizulta li kuntrarjament għal dak allegat mill-istess rikorrent li hu rrinunzja għall-wirt tal-ġenituri tiegħu skont id-dikjarazzjonijiet li hu pprezenta aktar kmieni din is-sena (wara li l-ġenituri tiegħu ilhom numru ta' snin mejtin), l-istess rikorrent preċedentement għamel atti ta' aċċettazzjoni tal-wirt kif għandu jirrizulta b'mod dettaljat matul il-mori ta' din il-kawza. B'hekk huwa għandu jitqies li m'huwiex intitolat għas-sehem riservat mill-eredita tal-ġenituri tal-partijiet u b'hekk l-ewwel talba imressqa minnu għandha tiġi miċħuda u konsegwentement il-kumplament tat-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħudin ukoll;

*b)* Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u b'referenza għat-tieni talba imressqa mill-attur, l-esponenti teċċepixxi:

i. Illi fl-ewwel lok l-attur rikorrent ma għandu l-ebda dritt li jikkontesta jew jimpunja d-donazzjoni li kienu għamlu l-ġenituri tal-partijiet tat-8 ta' Mejju 2009 fl-Atti tan-Nutar Alicia Agius kemm għaliex l-intenzjonijiet u deċizjonijiet li kienu għamlu l-ġenituri ta' l-istess partijiet għandhom jiġu rispettati anki tenut kont ta' dak provdut fl-artikolu 914 tal-Kodiċi Ċivili, kif għandhom jiġu rispettati d-disposizzjonijiet testamentarji tagħhom anki tenut kont tal-mod kif huwa kien iġib ruħu lejn l-istess ġenituri matul ħajjithom;

ii. Illi l-interpretazzjoni li qed jagħmel il-konvenut ta' l-artikolu 650 tal-Kap. 16 Liġijiet ta' Malta qed tiġi kontestata, kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza) u fi kwalunkwe kaz għandu jitqies li l-attur ma jistax jilmenta mid-donazzjoni tat-8 ta' Mejju 2009 fl-Atti tan-Nutar Alicia Agius meta jagħmel referenza għall-artikolu 650 tal-Kap. 16 Liġijiet ta' Malta mingħajr ma ressaq fl-istess ħin ebda talba biex id-disposizzjonijiet testamentarji tal-ġenituri tal-partijiet jitqiesu u jiġu dikjarati li huma mingħajr effett. B'hekk l-azzjoni kif mressqa minnu għandha titqies li ma treġix;

c. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost fit-testment tal-ġenituri tal-partijiet datat 18 ta' Diċembru 1996, indikat mill-istess rikorrent fir-rikors promotur ġuramentat, dan kien għamilha ċara fit-tielet artikolu tiegħu li t-testaturi kienu qed jezentaw lil uliedhom mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni kontemplati fil-liġi. B'hekk, ir-rieda ta' l-istess ġenituri defunti tal-partijiet għandha tiġi rispettata aktar u aktar meta dawn kellhom ir-raġunijiet validi tagħhom biex għamlu dak li għamlu tenut kont tan-nuqqas ta' rispett li l-attur kien juri lid-defunti ġenituri tiegħu. Konsegwentement il-propjeta' li ġiet mgħoddija lill-konvenut l-ieħor b'donazzjoni hawn fuq indikata matul ħajjet il-ġenituri tal-partijiet ma għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni bħala parti mill-valur tal-wirt ta' l-istess ġenituri u b'hekk ir-rikorrent ma jistax jippretendi li jikkalkula s-sehem riservat tiegħu a bazi ta' propjeta' li ma għandhiex tiġi meħuda in konsiderazzjoni għall-finijiet li jiġi kalkulat l-istess sehem riservat pretiz;

d. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u b'referenza għal dak mitlub ukoll fit-tieni talba tal-attur sabiex il-propjeta' li ġiet iddonata skond il-kuntratt hawn fuq imsemmi tat-8 ta' Mejju 2009 tkun soġġetta għall-kollazzjoni, għandu jirrizulta li l-esponenti ċertament ma għandhiex titqies bħala l-leġittimu kontradittur fir-rigward tal-pretenzjoni li l-attur qed iressaq fuq il-valur zejjed li l-artikolu 915 jipprovdi li jkun soġġett għall-kollazzjoni u b'hekk jekk stess din il-propjeta' tiġi soġġetta għall-kollazzjoni, l-esponenti ma għandhiex tinzamm responsabbli għall-valur li l-istess propjeta' taf tikkontribwixxi għall-valur tal-wirt in konnessjoni mal-kalkolu dwar is-sehem riservat li qed jippretendi l-attur.

e. Illi mizjud ma' l-eċċezzjoni preċedenti, u bi tweġiba għal dak mitlub mill-attur rikorrent mit-tielet sas-sitt talba mressqin minnu, fi kwalunkwe kaz, l-esponenti għandha titqies li m'hijiex il-leġittimu kontradittur ta' dak li qed jippretendi l-attur rikorrent in kwantu l-attur rikorrent fil-waqt li jirreferi għad-donazzjoni li saret favur il-konvenut l-ieħor Ronald Agius, tat-8 ta' Mejju 2009 fl-Atti tan-Nutar Alicia Agius u li ma saritx favur l-esponenti, qed jitlob li l-esponenti tiġi kkundannata li tħallas is-somma mitluba minnu bħala sehem riservat li qed jintalab li jieħu kont ukoll tal-valur tal-propjeta' li ġie donata skont il-kuntratt hawn fuq indikat lill-kovenut Ronald Agius waħdu;

B'hekk, jekk għall-grazzja tal-argument it-talbiet tal-attur rikorrent għas-sehem riservat jiġu milqugħin, l-

esponenti ma għandhiex tiġi ordnata tħallas lill-attur xejn aktar mis-sehem li f'dak il-kaz jitqies spettanti lilu kalkulat biss fuq il-valur ta' dak li kien spettanti lill-esponenti u mhux fuq valur ta' propjeta' oħra li ma missitx lilha u li fil-mument tal-mewt tal-ġenituri tal-partijiet ma kinitx tifforma parti mill-wirt li huma ħallew warajhom, favuriha;

f. Illi mizjud ma dak li għadu kemm ġie eċċepit, izda dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti tagħha l-esponenti għaldaqstant issostni li jekk il-pretensjonijiet tal-attur b'mod partikolari dawk konnessi mal-kollazzjoni pretiza minnu u s-sehem riservat konsegwenzjali jiġu milqugħin, għandu jkun il-konvenut l-ieħor Ronald Agius waħdu li jwieġeb u jinzamm responsabbli għal tali pretensjonijiet u għall-ħlas tas-sehem riservat konsegwenzjali li qed jitlob l-attur;

g. Illi mingħajr preġudizzju għal dak li għadu kemm ġie eċċepit, għandu wkoll jirrizulta li l-pretensjonijiet sa issa vantati mill-attur dwar is-sehem riservat pretiz minnu kif ibbazat fuq il-valuri tal-assi ereditarji flimkien mal-valur tal-propjeta' mertu tad-donazzjoni tat-8 ta' Mejju 2009 li qed jinkludi fl-istess valutazzjoni, kif kalkulati minnu, kienu pretensjonijiet esaġerati, b'mod partikolari fir-rigward tal-propjeta' mertu tad-donazzjoni hawn fuq imsemmija u fi kwalsiasi kaz inkorretti, kif ser jirrizulta matul il-mori ta' din il-kawza;

h. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, inkluz b'mod partikolari mingħajr preġudizzju għal dak indikat fl-ewwel eċċezzjoni, f'kaz illi t-talbiet tal-attur jintlaqgħu anki jekk in parte, l-ebda imgħaxijiet ma għandhom jitqiesu li jkunu dovuti lilu mill-mewt tal-ġenituri tal-partijiet tenut kont li l-istess attur dam snin sħaħ biex ressaq dawn il-proċeduri wara l-mewt ta' l-istess ġenituri u wara indikazzjonijiet oħra magħmula minnu kif anki ser jiġi spjegat in konnessjoni ma' l-ewwel eċċezzjoni;

2. B'riserva għall-eċċezzjonijiet ulterjuri.

3. Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jintalbu li jiġi dikjarati li jkunu a karigu tal-istess rikorrent Martin Agius għar-raġunijiet kollha suesposti.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Ronald Agius li taqra kif isegwi:

1. 'Illi mhuwiex kontestat illi l-kontendenti fil-kawza fl-ismijiet premessi huma lkoll ahwa;

2. Illi mhuwiex kontestat lanqas illi missierhom Francesco Agius ghadda ghal hajja ohra nhar it-22 ta' Dicembru tas-sena 2012, filwaqt illi ommhom Mary Agius ghaddiet ghal hajja ohra fil-15 ta' Marzu tas-sena 2015;

3. Illi mhuwiex kontestat lanqas illi mir-ricerki testamentarji fl-indici tar-Registru Pubbliku u fir-registru tal-Qorti Civili Gurisdizzjoni Volontarja irrizulta illi Francesco Agius kien ghamel testament unica carta flimkien ma' martu datat 18 ta' Dicembru 1996 fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar, flimkien ma' aggunta

ghall-ewwel testment datata 7 ta' Marzu 2007 fl-atti tan-Nutar Dr Rosella Sciberras, fejn istitwixxa lit-tliet uliedu kontendenti fil-kawza fl-ismijiet premessi bhala eredi universali tieghu, b' dana illi halla prelegat a favur l-esponenti tal-caravan numru 4A gewwa l-bajja ta' l-Ghadira;

4. Illi ma hemmx kontestazzjoni illi mir-ricerki testamentarji fl-indici tar-Registru Pubbliku u fir-registru tal-Qorti Civili Gurisdizzjoni Volontarja irrizulta illi Mary Agius kien ghamlet testament unica carta flimkien ma' zewgha datat 18 ta' Dicembru 1996 fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar, flimkien ma' aggunta ghall-ewwel testment datata 7 ta' Marzu 2007 fl-atti tan-Nutar Dr Rosella Sciberras, fejn istitwixxiet lit-tliet uliedha kontendenti fil-kawza fl-ismijiet premessi bhala eredi universali taghha, b'dana illi halliet prelegat a favur l-esponenti tal-caravan numru 4A gewwa l-bajja ta' l-Ghadira;

5. Illi huwa minnu illi f'hajjithom, Mary u Francesco konjugi Agius ghaddew b' titolu ta' donazzjoni lil Ronald Agius il-gnien b' kamra li jgib l-indirizz 62, Victory Street, Birkirkara, u dan in vista tal-fatt illi l-esponenti kien ha x-xoghol ta' gardinagg wara missieru, u kif ukoll illi baqa' jiehu hsieb il-genituri tieghu sad-data tal-mewt taghhom;

6. Illi bla pregudizzju ghal dak premess, l-imsemmija donazzjoni saret inter vivos mid-defunti, u kienet wahda irrevokabbli;

7. Illi di piu, u bla pregudizzju ghal dak suespost, fit-testment taghhom, id-defunti Mary u Francesco konjugi Agius ezentaw lill-eredi mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni kontemplati fil-ligi;

8. Illi l-propjeta` 62, Victory Street, Birkirkara mhuwiex l-uniku propjeta illi hallew id-defunti;

9. Illi pero d-defunti kellhom titolu ta' kera protetta fuq diversi propjetajiet, illi fuq uhud minnhom Martin Agius gie rikonoxoxut bhala inkwilin wara l-mewt tal-genituri tieghu, u dana fil-qwalita tieghu ta' eredi universali;

10. Illi Martin Agius irrinunzja ghall-eredita tal-genituri tieghu diversi snin wara l-mewt taghhom, u wara illi kien ghamel atti ta' eredi, u ghalhekk ma setax jirrinunzja ghall-eredita biex jitlob il-porzjoni riservata, kif ser jirrizulta fil-mori tal-proceduri;

11. Illi minghajr ebda pregudizzju ghal dak diga espost, illi gialadarba, l-intimat Martin Agius irrinunzja ghall-wirt ftit tax-xhur ilu wara illi ghamel atti ta' eredi, bl-ebda mod ma' jista jitlob interessi, la mid-data tal-mewt tad-decujus, u ghal ebda perjodu iehor;

12. Illi bla pregudizzju ghal dak premess, l-esponenti qatt ma gie interpellat b' ebda ittri ufficjali sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tas-sehem riservat favur Martin Agius;

13. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri;

14. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess, l-esponenti jirrileva illi Martin Agius, flimkien ma' martu, qatt ma gab rispett lejn il-genituri tieghu matul hajjithom, anzi ipprova jiddisprezzahom b' diversi modi, u dejjem iddisrispetta lil hutu u ttenta jikkawza dizgwid bejniethom. Illi l-esponenti ftit ghandu dubju illi din il-

kawza hija biss frott ta' dak l-agir tar-rikorrenti li fejn m'ghaddhiex mill-bieb issa qed jittenta jabbuza minn dawn il-Qrati biex jghaddi mit-tieqa u ghaldaqstant, ghandu jigi mgieghel ibaghti doppio spese ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-Ligi.'

Rat l-affidavits, xiehda, certifikati tal-mewt, ricerki testamentarji, testmenti, kopji ta' noti ta' rinunzja, kopja ta' ittra ufficjali, kuntratti, pjanti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar it-13 ta' Gunju, 2019 fejn talab li jigu allegati l-atti tal-Mandat ta' inibizzjoni 597/18LM fl-ismijiet Martin Agius -vs- Ronald Agius et u rat id-digriet moghti fis-16 ta' Lulju, 2019 fejn il-Qorti kif diversament preseduta laqghet it-talba;

Rat ir-rikors tal-intimata Carmen Buttigieg intavolat nhar l-10 ta' April, 2019 fejn talbet li tinghata differiment kif ukoll li qabel xejn jigu ndirizzati l-ewwel eccezzjoni ta' Carmen Buttigieg u l-ghaxar eccezzjoni ta' Ronald Agius, rat illi fil-verbal tad-19 ta' Novembru, 2019 id-difensuri tal-partijiet qablu b'referenza ghar-rikors imsemmi li ghandhom jinstemghu f'dan l-istadju l-provi dwar l-ewwel eccezzjoni ta' Carmen Buttigieg indikata bhala 19(a) u l-eccezzjoni numru 10 ta' Ronald Agius relattivi ghall-allegazzjoni tal-attur li rrinunzja ghal wirt u l-pretensjoni tal-intimati li r-rikorrent wettaq azzjonijiet ta' eredi u konsegwentement tinghata sentenza preliminari u rat li f'dak l-istadju l-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi f'dan ir-rigward b'dana li l-materja giet sorvolata;

Rat illi fil-verbal datat 3 ta' Frar, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrent Martin Agius u l-intimati Ronald Agius u Carmen Buttigieg huma lkoll ahwa ulied il-mejtin Francesco u Mary konjugi Agius. Francesco u Mary konjugi Agius mietu fit-22 ta' Dicembru, 2012 u fil-13 ta' Marzu, 2015 rispettivament (ara certifikati tal-mewt a fol. 5 u fol. 12 tal-process). Huma rregolaw il-wirt u successjoni taghhom permezz ta' zewg testmenti bl-ewwel wiehed ikun *unica charta* tat-18 ta' Dicembru, 1996 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar u l-iehor ikun aggunta ma' dak precedenti datat 7 ta' Marzu, 2007 fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras (ara ricerki testamentarji u testmenti a fol. 6 et seq tal-process).

Illi din is-sentenza hija wahda preliminari limitata ghal eccezzjoni tal-intimata Carmen Buttigieg indikata bin-numru 1 ittra a u ghal eccezzjoni tal-intimat Ronald Agius indikata bin-numru 10 - it-tnejn relatati mal-allegata accettazzjoni tal-eredita' da parti tar-rikorrent ghaliex isostnu li r-rikorrent Martin Agius ghamel atti ta' eredi u ghalhekk konsegwentement ma setax jghaddi biex jirrinunzja ghall-wirt.

Illi l-accettazzjoni ta' wirt hija regolata bl-Artikolu 850 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li l-accettazzjoni tista tkun jew wahda tacita inkella espressa:

'850. (1) L-aċċettazzjoni tista' tkun espressa inkella taċita.

(2) Hija espressa, meta wieħed jieħu l-kwalità ta' werriet f'att pubbliku jew f'kitba privata.

(3) Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet.'.

Illi dwar l-accettazzjoni tal-wirt inghad fid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri tal-21 ta' April, 2008 fl-ismijiet **Carmel Attard -vs- Joseph Attard et** illi:

'L-oneru tal-prova qieghed fuq min jallega li kien hemm accettazzjoni; fil-kaz taghna il-konvenuti. L-accettazzjoni trid tkun neccessarjament tippresuponi l-intenzjoni li wiehed jaccetta l-kwalita' tieghu ta' eredi. Sabiex wiehed jasal biex jikkonkludi li hemm accettazzjoni tacita, "*dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita`. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri*" (**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et**, Prim'Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966).'

Illi mill-atti jirrizulta li l-intimati jelenkaw l-avvenimenti li skonthom u a bazi taghhom ir-rikorrenti Martin Agius accetta l-

wirt kif isegwi:

1. Il-fatt li r-rikorrent Martin Agius bhala eredi ta' missieru Francesco Agius gie rikonoxxut bhala inkwilin tal-garaxx fi Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla u tal-boathouse bl-ittra u bin-numru A3 fil-caravan site fl-Ghadira ma' l-Awtorita' tal-Artijiet u skont l-intimati ma ghamel xejn biex jirribatti dawn ir-rikonoxximenti;

2. Illi r-rikorrenti ghamel atti ta' eredi ta' ommu Mary Agius meta kiteb lill-Awtorita' tal-Artijiet sabiex ikun jista jixtri d-dar residenza tal-genituri tieghu bin-numru 1, St Mary, Block 7 fi Triq il-Gdida, Bormla;

3. Isostnu wkoll li huwa talab ripetutament illi jinghata l-flejjes li ommu Mary Agius kellha l-bank.

Illi l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina dawn l-avvenimenti wiehed wiehed u tevalwa jekk effettivament dawn l-atti jikkwalifikawx bhala atti ta' eredi da parti tar-rikorrenti bil-konsegwenza li allura jkun legalement gie prekluz milli jitlob il-hlas tal-porzjoni riservat.

<u>Rikonoxximent bhala inkwilin ta' garaxx u boathouse mal-Awtorita' tal-Artijiet:</u>

Illi l-intimati jargumentaw illi r-rikonoxximent tar-rikorrent bhala inkwilin ta' garaxx u boathouse mill-Awtorita' tal-Artijiet jammonta bhala accettazzjoni tal-wirt. L-intimat Ronald Agius fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jzid illi minkejja li r-rikorrent rrinunzja ghal eredita' tal-genituri huwa qatt ma rrinunzja ghall-kirjiet tal-boathouse u tal-garaxx li ddevolvew fuqu u fuq hutu

mill-eredita' ta' missierhom. Jikkwota l-Artikolu 869 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

> '869. B'dak kollu li jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, l-imsejħin għall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pusses tal-ħwejjeġ tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja għal dak il-wirt, kemm-il darba ma jkunux imxew skont id-dispożizzjonijiet dwar il-benefiċċju tal-inventarju; u, jitqiesu bħala werrieta mingħajr dan il-benefiċċju ukoll jekk kontra dan igħidu illi huma jippossjedu dawk il-ħwejjeġ taħt titolu ieħor.'.

Illi mill-kopji tal-processi tal-Awtorita' tal-Artijiet li gew esebiti permezz ta' nota nhar it-30 ta' Novembru, 2020 a fol. 261 et seq tal-process, partikolarment dawk relatati mal-garaxx u l-caravan site A3, jirrizulta li r-rikorrent Martin Agius gie rikonoxxut fuq l-imsemmija mmobbli in segwitu ghal dikjarazzjoni li ghamlet in-Nutar Dr Alicia Agius. Fid-dikjarazzjoni r-rikorrent gie ndikat bhala wiehed mill-eredi u flimkien maghha gew esebiti zewg dokumenti konsistenti f'lista tal-eredi ta' Francis Agius u kopja tat-testment tas-7 ta' Marzu, 2007. Id-dikjarazzjoni tal-Nutar Dr Alicia Agius b'referenza ghas-sit ma' genb l-Blokka 7 fi Triq il-Gdida, Bormla tinsab a fol. 323 tal-process, filwaqt li dik relatata mal-caravan site tinsab a fol. 494 tal-process.

Ir-rikorrent Martin Agius jichad li din id-dikjarazzjoni tan-Nutar Alicia Agius saret fuq struzzjoni tieghu. In fatti in kontro-ezami a fol. 601 et seq tal-process sostna illi huwa ma jafiex lin-Nutar Alicia Agius:

> 'Dr Jonathan Agius: In-Nutar Alicia Agius, in-Nutar,

| | |
|---|---|
| Xhud: | Ma nafhiex in-Nutara … |
| Jonathan Agius: | In-Nutara ma tafhiex. Il-fatt li d-dipartiment kellu r-ricerki tal-wirt kont tafu bih jew lanqas? |
| Xhud: | Le.’. |

Il-Qorti rat li l-intimati da parti taghhom ma ressqux l-icken prova li n-Nutar Agius setghet agixxiet fuq inkarigu tar-rikorrent ukoll. Il-minimu li setghu jaghmlu l-intimati kien li jressqu lin-Nutar bhala xhud – haga li ma saritx. Il-Qorti tqis li mill-provi fl-atti hija ttendi li temmen il-verzjoni tar-rikorrent li din il-procedura mal-Aworita′ tal-Artijiet permezz tan-Nutar saret ad insaputa tar-rikorrenti. Fil-fatt fis-sena 2013 meta saret id-dikjarazzjoni in kwistjoni, l-omm Mary Agius kienet ghadha hajja u ghalhekk il-Qorti temmen li bhal ma jigri fil-maggorparti tal-kazi, d-dikjarazzjoni saret fuq struzzjoni taghha billi kienet hi li hadet hsieb il-proceduri necessarji. Ghalhekk f′dan ir-rigward ir-rikorrent Martin Agius zgur li ma jistax jitqies li ghamel atti ta′ eredi billi ma kienx hu personalment li talab li jigi rikonoxxut. In oltre ghalkemm fl-atti a fol. 320 u fol. 490 tal-process hemm esebiti kopji tar-rikonoxximent tar-rikorrent fuq l-imsemmija mmobbli, fl-atti m′hemmx prova li din l-ittra ta′ rikonoxximent giet notifikata lir-rikorrent ghalhekk aktar u aktar ma jistax jinghad li r-rikorrent ghamel konxjament xi atti ta′ eredi.

Illi dwar l-argument relatat mal-Artikolu 869 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta′ Malta, l-Qorti temmen li l-aktar parti rilevanti ghal kaz odjern minn dan l-artikolu huwa fejn jinghad illi ′*… l-imsejħin għall-wirt,* ***illi jkollhom fil-fatt il-pusses tal-ħwejjeġ tal-***

***wirt**, …*' (enfasi tal-Qorti). Mill-atti jirrizulta li għalkemm ir-rikorrenti Martin Agius kien ġie rikonoxxut in solidum bħala inkwilin tal-immobbli msemmija, effettivament huwa ma kellux il-pussess tagħhom u lanqas kien iħallas kera fuqhom. Tant li r-rikorrent ma kellux pussess tagħhom u qatt ma ġie nkluż f'xi procedura relatata magħhom, li fil-każ tal-caravan site numru 3, Riġiela A fi Triq il-Marfa, Mellieħa l-iskrittura ta' kera datata 8 ta' Jannar, 2015 saret unikament mill-omm Mary Agius u wliedha Ronald Agius u Carmen Buttigieg flimkien ma' żwiegħhom, dan malgrad li r-rikorrent kien ġie precedentement rikonoxxut in solidum magħhom (ara skrittura ta' kera a fol. 476 et seq tal-process). L-intimati lanqas ma ressqu l-iċken prova li r-rikorrent effettivament kellu l-pussess tal-immobbli għajr l-argument li huwa ġie rikonoxxut in solidum magħhom bħala inkwilin. Ġialadarba r-rikorrent ma kellux fil-pussess tiegħu l-ħwejjeġ tal-wirt, il-perijodu ta' tlett xhur indikat fl-Artikolu 869 m'huwiex applikabbli fil-konfront tar-rikorrenti.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost l-ewwel ċirkostanza elenkata mill-intimati ma tistax titqies bħala ċirkostanza ċertament, neċessarjament u univokament ta' aċċettazzjoni tal-wirt u għalhekk din ser tiġi miċħuda.

<u>Allegat atti ta' eredi meta r-rikorrent kiteb lill-Awtorita' tad-Djar sabiex ikun jista' jixtri d-dar residenza tal-ġenituri tiegħu u identifika lilu nnifsu bħala 'inkwilin':</u>

Illi l-argument principali tal-intimati huwa li meta r-rikorrenti Martin Agius fl-ittra tiegħu tas-16 ta' Novembru, 2016 identifika lilu nnifsu bħala '*…wieħed mill-inkwilini tad-dar…*' huwa kien qed jagħmel att ta' eredi. Illi l-ittra in kwistjoni datata 16 ta' Novembru, 2016 a fol. 294 tal-process li taqra kif isegwi:

‘Martin Agius
Merene
Triq Mons Alan Fenech
Mosta
16 ta’ Novembru 2016

Lid-Direttur,
Dipartiment Propjeta tal-Gvern
Auberge De Baviere
Valletta

Sinjur,

**<u>Re: 1 St Mary, Block numru 7, Triq il-Gdida Bormla Tent 52324 – Land 279/63</u>**

Jiena wiehed mill-inkwilini tad-dar fuq imsemmija kif jidher ukoll mir-records taghkom u qed nitlobkom tghiduli nistax nixtriha.
Ghalhekk jekk dan hu possibli irrid inkun naf il-prezz u xi jkun hemm bzonn biex nersaq ghall-kuntratt.
Kemm-il darba il-prezz ikun favorevoli nkun nista naccetta li nixtriha.
Filwaqt li nistenna minghandek, nirringrazzjak bil-quddiem,
Dejjem tieghek,
Martin Agius’

Ir-rikorrent da parti tieghu jichad li huwa ghamel uzu tal-kliem ‘inkwilin’ bl-intent li jibbenefika mit-titolu ta’ eredi pero’ jsostni li huwa ghamel dan sabiex jidentifika ruhu bhala persuna li kien xi zmien jghix fil-fond. In fatti in kontro-ezami fis-seduta tat-3 ta’

Frar, 2022 a fol. 601 et seq jixhed kif isegwi:

| | |
|---|---|
| 'Il-Qorti: | Inti ghalhekk x'inhi l-ewwel risposta. L-uzu tal-kelma inkwilin dak iz-zmien jekk int kont diga taf li m'intiex …? |
| Xhud; | Biex nurihom u dan id-diskors Sinjura. |
| Il-Qorti: | Erga ghidha. Toqghodx tghidli li diga ghidtu; irrispondi u daqshekk. Biex turihom xiex? |
| Xhud: | Biex nurihom illi jien kont wiehed mill-ulied. |
| Il-Qorti: | Mill-ulied? |
| Dr Jonathan Spiteri: | Mill-ulied. Issa, |
| Xhud: | M'iniex wiehed ta' barra t-triq. |
| | … |
| Il-Qorti: | Int ieqaf. Id-domanda hija semplici, meta inti uzajt il-kelma inkwilin, inti b'xi mod din irbattha mal-kelma eredi? |
| Xhud: | Le. |
| Il-Qorti: | Le'. |

Segwa li fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrent espanda fl-argument tieghu billi spjega l-mod ta' trasmissjoni ta' kirja taht il-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dik taht il-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Spjega li l-Kap. 69 ma kienx fih disposizzjonijiet li jirregolaw espressament is-successjoni fil-kera pero' tali kienu regolati indirettament fid-definizzjoni tal-kelma 'kerrej' fl-Artikolu 2. Ir-rikorrenti spjega li b'dan il-mod il-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta kien holoq sistema fejn kirja (hlief fil-kaz ta' kirjiet kummercjali) ma tghaddix skond il-ligi tas-successjoni, izda beda jiddetermina *ex lege* l-persuna li ssir il-kerrej il-gdid mal-mewt tal-kerrej precedenti. Isostni ghalhekk li l-argument tal-intimati li bl-

ittra tieghu tas-16 ta' Novembru, 2016 fejn iddikjara li huwa 'wiehed mill-inkwilini', huwa kien qieghed jimplika li kien wiehed mill-eredi ma jregix ghaliex kirja protetta (bhal dik in dezamina) ma tghaddix ghand il-werrieta pero' tghaddi ghand il-qraba li kienu jghixu mal-inkwilin bil-konsegwenza li kirja tista tghaddi ghand qarib li ma jkunx werriet.

Il-Qorti rat li fil-kawza kwotata aktar il-fuq fl-ismijiet **Carmel Attard -vs- Joseph Attard et** dwar l-accettazzjoni ta' wirt il-Qorti kwotat minn sentenzi ohra ukoll dwar gurisprudenza precedenti inghad kif isegwi:

> 'Hi rilevanti r-riferenza ghas-sentenza li nghatat fil-kawza **Orazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[1] fit-3 ta' Ottubru 2003. F'dik il-kawza l-Qorti sahansitra waslet ghal konkluzjoni li ma kienx hemm accettazzjoni ta' eredita' ghalkemm min kien qieghed jitlob il-hlas ta' legittima kien parti f'kawza, fil-vesti tieghu ta' eredi, li fiha kien qieghed jigi mpunjat testment u ddefenda l-kawza bhala werriet tat-testatur. Rilevanti hu dak li nghad fil-kawza fl-ismijiet **Amadeo Mea et vs Albert Borg et**[2] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952 fejn gie kkonfermat li mill-att trid tirrizulta l-volonta tas-successibbli li jaccetta l-wirt, fis-sens li "*mhux bizzejjed li l-att jirrileva intenzjoni kwalunkwe, dak l-att irid ikun tali li jimplika b'mod necessarju u inekwivokabili l-volonta' f'min jaghmlu li jaccetta l-wirt. Magistralment f'dan id-rigward hu l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maesta' tar-Regina fil-kawza Azzopardi vs Mallia deciza fis-6 ta' Novembru 1916:- 'Mentre*

[1] Imhallef P. Sciberras.

[2] Vol. XXXIV.ii.475.

*secondo l'antico diritto bastava per l'accettazione dell'eredita' un atto qualunque esprimente la volonta' d'essere erede, per cui la tacita accettazione poteva emergere da un fatto che per se stesso non supponeva di necessita' l'intenzione di accettare l'eredita', il diritto nuovo, ad eliminare gli apprezzamenti fondati su verosimiglianze piu' o meno fondate, vuole che l'atto da cui si voglia inferire l'accettazione debba essere tale da supporre, non solo certamente, ma necessariamente la volonta di accettare (Kollez. XXIII.i.254)*". Kompliet tghid li fid-dubju l-accettazzjoni ghandha tigi eskluza[3].

Illi b'applikazzjoni wkoll tal-insenjamenti suesposti, f'dan il-kaz, il-Qorti mhijiex moralment konvinta li r-rikorrent fl-ittra tas-16 ta' Novembru, 2016 ghamel uzu tal-kelma '…wiehed mill-inkwilini…' bl-intenzjoni li jindika lilu nnifsu bhala wiehed mill-eredi. In fatti fit-tieni ittra li r-rikorrent bghat lill-Awtorita' tal-Artijiet datata 22 ta' Mejju, 2017 (fol. 293) zied li huwa ghandu interess fi proprjeta' ulterjuri u cioe' l-garaxx adjacenti, pero' m'ghamel l-ebda accenn li huwa inkwilin ghalkemm effettivament huwa kien inkwilin rikonoxxut in solidum ma' ohrajn billi kien eredi ta' Francesco Agius. Fil-fehma tal-Qorti din hija ndikazzjoni cara li r-rikorrenti qatt ma kellu l-intenzjoni li juza l-kelma 'inkwilin' sabiex jibbenefika mit-titolu ta' eredi. Ghaldaqstant f'dan il-kaz ukoll l-Qorti ma tqisx li r-rikorrenti ghamel att ta' eredi li jimplika b'mod necessarju u inekwivokabili l-volonta' fih li jaccetta l-wirt.

---

[3] "*L-att kompjut ghandu jkun essenzjalment univoku b'mod li ma jhalli assolutament ebda dubbju li s-successibbli, meta ghamel l-att, ma setax kellu intenzjoni ohra hlief dik li jaccetta l-eredita', u jekk dak l-att seta' ghamlu alio titulo jew mhux b'dik l-intenzjoni, l-accettazzjoni ghandha tigi eskluza*" (**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto vs Nobbli Charles Vella Bonavita et** deciza mill-Prim'Awla fl-14/12/1966 – Vol. L.ii.482). Ara wkoll sentenza **Guido Sant Fournier nomine vs Lucy Demaria nomine** deciza fit-30 ta' Novembru 1966 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Vol. L.ii.468).

Ir-rikorrent talab ripetutament illi jinghata l-flejjes li ommu Mary Agius kellha l-bank:

Illi dwar din ic-cirkostanza l-intimata Carmen Buttigieg fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ssosnti li meta gew diskussi l-flus li halliet Mary Agius – omm il-partijiet ir-rikorrent qatt ma rrifjuta sehmu anzi pretenda li jiehu s-sehem taghha u tal-intimat Ronald Agius. Tissottometti ghalhekk li dan jikkwalifika bhala att ta' eredi iehor irrispettivament mill-fatt li l-flus infushom imbaghad ma hadhomx. L-intimat l-iehor Ronald Agius fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jikkonferma li kemm hu kif ukoll l-intimata l-ohra Carmen Buttigieg kienu lesti li jcedu sehmhom tant li huwa ffirma prokura sabiex ohtu Carmen tkun tista' tiehu hsieb u tghaddi l-flus li kienu provenjenti mill-wirt ta' ommu lir-rikorrenti.

Illi minn harsa lejn il-verzjonijiet tal-intimati ma jirrizultax li effettivament il-pressjoni sabiex jigu zbankati l-flus kienet gejja da parti tar-rikorrent. Anzi pjuttost mill-atti rrizulta li kienet l-intimata Carmen Buttigieg li kienet qed tigri wara r-rikorrent sabiex jiffirma biex jinhargu l-flus. In fatti fl-affidavit taghha a fol. 235 et seq tal-process tikkonferma li hija kienet tinzel il-monti ta' Bormla sabiex tarah:

> '7. Sa dak iz-zmien jien kont xorta wahda bqajt inkellem lil Martin billi kont ninzel narah il-Monti ta' Bormla peress li huwa jarma hemm. Dwar din l-ittra hija Martin qatt ma qal li kien irrifjuta jew ikkontesta' din l-ittra.
>
> …
>
> 18. Dwar dawn il-flus li halliet ommna, hija Ronald kien ghamili prokura biex inkunu nistaw nigbdu il-flus li kienet halliet ommi fil-Bank of Valletta. Ronald kien fil-

fatt indikali li hu kien lest li jcedi sehmu minn dawn il-flus favur Martin.

19. Meta kont kellimt lil Martin biex nghidlu sabiex niltaqaw il-Bank biex inkunu nistaw nigbru dawn il-flus, huwa kien qalli li issa jara meta jkun jista ghax kien imhabbat.
20. Imbad regaw ghaddew il-gimghat u kull meta staqsejtu biex niltaqghu darba qalli ghax lahaq ftiehem ma' nies u darba ohra qalli li kien ghadu imhabbat izda qatt ma qalli li ma riedx sehmu jew li kien qed jirrinunzja ghalieh anzi eventwalment wera li ried sehmi wkoll kif qed nisjega hawn taht.
21. Jien kont ghidtlu li din kienet xi haga li stajna nehilsuha malajr u li konna nistaw immorru wara il huwa jkun lest mill-monti, ninzlu l-Bank Bormla u nigbduhom.
22. Wara li regaw ghaddew xi gimghatejn ohra mort nghidlu biex jghijdli meta jista u qalli li dawk il-flus kollha li kienet halliet ommna kien bix-xieraq skont hu, li johodhom kollha hu inkluz sehmi!
23. Jien ghidtlu li jien kont bhalu fis-sens li ma kont hadt xejn minghand il-genituri taghna u b'hekk ma hassejtx li jien kelli ghalfejn incedi sehmi mill-ftit flus li kienet halliet ommi.
24. Pero' il-gimgha ta' wara mort, semplicement biex ma nispiccawx ikollna xi nghidu fuq il-ftit flus li halliet ommi, mort u offrejtlu sabiex jiehu sehmi ukoll mill-flus jekk hu kien lest li jcedili is-sehem tieghu mill-qabar ta' ommi imma huwa rrabja u qalli li mort biex ninnegozja!'

Ir-rikorrent Martin Agius da parti tieghu ma jichadx li sar diskors fuq il-flus pero' jghid li d-diskors ma sarx fis-sens kif interpretat mill-intimati. In subizzjoni fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2021 a fol. 580 et seq jispjega li d-diskors kien f'dan is-sens:

'Dr Jonathan Spiteri: Ghalfejn ghidtilha "Il-flus hallihom"?

Xhud: Ghidtilha "Hallihom hemm", ghidtilha. Qaltli "Mur ghax ahna ghandna ghandna sehem fi tlieta". Ghidtilha "Jekk nigu f'dan il-kaz, tajjeb, dawk ghandi dritt ghalihom kollha ghax jien ma hadtx one cent"

Dr Jonathan Spiteri: Eh mela ghidtilha dan il-kliem li .. …

Xhud: Iwa ghidtilha, ghidtilha "Jekk nigu f'dan il-kaz" hekk ghidtilha, ghidtilha "Ghandi dritt nehodhom kollha jien ghax jien ma hadtx one cent.

Dr Jonathan Spiteri: U tiftakar li Carmen qaltlek "Sehemi jekk tridu hudu"?

Xhud: Le.

Dr Jonathan Spiteri: Le?

Xhud: Le dak mhux Carmen qalituli.

Dr Jonathan Spiteri: Mela min?

Xhud: Qal hija lil ohti biex ohti tghid lili. Hija qal lil ohti, qallha "Jekk irid sehemi jista jiehdu" u ohti giet tghid lili. Ohti qatt ma accettat illi ttini sehemha u jien qatt ma missejt xejn ghax wara sir naf tajjeb. Wara sirt naf illi ohti bdiet tilghabni. Trid iggghielni niehu xi haga all right, biex ittellifni kollox.'

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz lanqas ma kien hemm accettazzjoni ta' eredita' billi r-rikorrenti ma ha xejn minn dawk il-flus. Anke jekk ghal grazzja tal-argument kellu jittiehed in konsiderazzjoni li r-rikorrent kien ittama lill-intimata li sejjer jiffirma sabiex jiehu l-flus, fil-fehma tal-Qorti dan xorta ma jekwivalix ghal accettazzjoni ta' wirt billi dan l-att ma jimplikax b'mod necessarju u inekwivokabilment li r-rikorrenti kellu l-volonta' li jaccetta l-wirt. Anzi mill-kontro-ezami u l-ispjegazzjoni moghtija mir-rikorrent il-Qorti aktar fehmet li huwa kien qed jippretendi li jiehu l-flus a

saldu tal-legittima tieghu ghaliex appuntu jsostni li hu ma ha xejn. Ghaldaqstant f'dan il-kaz ukoll il-Qorti tqis li ma hemmx accettazzjoni ta' wirt.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dawn l-eccezzjonijiet preliminari billi tichad l-eccezzjoni tal-intimata Carmen Buttigieg indikata bin-numru wiehed (1) ittra a u l-eccezzjoni tal-intimat Ronald Agius indikata bin-numru ghaxra (10) u stante li l-Qorti waslet ghall-konkuzjoni li r-rikorrent ma ghamilx atti ta' eredi, tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu li baqa'.

Bl-ispejjez kontra l-intimati Carmen Buttigieg u Ronald Agius.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**4 ta' Ottubru, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**4 ta' Ottubru, 2022**